# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 14 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 361/00**

**Numru 37**

**Paul Falzon**

**vs**

**Mario Kitcher**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u tmien liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm508.44) dovuta bhala bilanc ta' prezz ta' laham lill-konvenut mibjugh u kkosenjat fil-"Bee Hive Restaurant" , Bugibba.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Settembru 1999 u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-2 ta' Frar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-

Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur s-somma ta' Lm508.44,0 bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Settembru 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Settembru 1999.

Alan Calleja
Dep.Reg